# Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) VS JEAN CLAUDE MERCIECA (K.I. NRU. 353994M)

(SEWQAN MINGHAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) – UŻU TA' VETTURA MINGHAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI – KAP. 104 ART. 3(1) – SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI, B'MOD PERIKOLUŻ JEW B'NUQQAS TA' KONT – KAP. 65 ART. 15(1)(A) ,(2),(3) )

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Settembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Jean Claude Mercieca ta' 26 sena imwieled ġewwa l-Pieta' nhar it-13 ta` Awwissu 1994 u residenti fil-fond 6 , Triq Santu Rokku, Blk Ricasoli, Il-Kalkara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 353994M ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Avukat Dr. George Camilleri
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Alfred Abela,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti akkużi talli fit-28/6/2019 għall-habta ta`20:30hrs bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IMS 200 ġewwa Triq ir-Rinella, Kalkara:
    1. saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))

2. uża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))
3. saq vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuraġni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
4. saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluż (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (2))
5. saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (2))

2. Il-Prosekuzzjoni talbet illi l-imputat jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan għall-perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

3. Inżammet seduta fit-22 ta' Settembru 2020.

**Provi Prosekuzzjoni**

***Affidavits ta' PC 540 A. Fava u PS 654 E. Bondin***

4. Skond PC 540 A. Fava u PS 654 E. Bondin li kienu t-tnejn dettaljati sabiex jagħmlu *foot patrol* pajżan fl-inħawi ta' Ricasoli u *Smart City* għall-osservazzjoni ta' kull ksur ta' liġi, nhar it-28 ta' Gunju 2019 għall-habta ta' 20.30hrs waqt li kienu qed jiffukaw fuq il-bajja tar-Rinella minħabba li kienu qed jidħlu diversi rapport ta' sewqan eċċessiv minn diversi sewwieqa, innotataw vettura bin-numri IMS200 tal-ghamla Peugeot ta' kulur ahdar fejn is-sewwieq tagħha beda l-ħin kollhu jipprova jaqla' l-vettura ta' quddiemu u jpaqpaq sabiex ikun jista' jgħaddi u hekk kif qabżu beda jsuq b'veloċita' eċċessiva. Għall-ħabta ta' 21.07 hrs dan reġa għadda b'veloċita eċċessiva mill-bajja ta' Rinella u hekk kif wasal fejn PS654 li kien pajzan innutah is-sewwieq u qallu "Xiż-żobb qed tħares" u kompla isuq b'veloċita'. L-għada l-imputat ġie msejjaħ I-għassa ta' Bormla fejn hemmekk PC 540 u PS 654 identifikawh bħala x- xufier li kien qed isuq l-imsemmija vettura. Huwa ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel jiġi mitkellem fejn l-imputat rrinunzja għal dan id-dritt u ffirma dikjarazzjoni rigward dan. L-imputat ġie mitkellem rigward dan il-każ fejn wara li sar stħarriġ irriżulta ukoll li lanqas m'għandu liċenzja valida tas-sewqan. Huwa ġie nfurmat li m'għandux liċenzja tas-sewqan u li saq b'manjiera traskurata fil-bajja ta' Rinella. L-imputat irrisponda li hu ma' jiftakar xejn rigward dan u meta ġie mitkellem sabiex jikseb il-liċenzja tas-sewqan biex ikun konformi mal-liġi, huwa qal li qed jitl'a għall-lezzjonijiet.

*L-Awtorità għat-Trasport f'Malta*

5. Stephen Cachia, Amministratur fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed illi mir-riċerka li għamel irriżulta illi l-imputat kien ottjena l-liċenzja tas-sewqan fit-3 ta' Lulju 2020.

6. Matul is-seduta d-difiża vverbalizzat ukoll illi f'dan l-istadju kienet qed taċċetta li l-imputat ma' kellux liċenzja tas-sewqan fid-data in kwistjoni.

**Provi Difiża**

7. L-imputat għażel li ma' jressaqx xhieda, kif kellu kull dritt li jagħmel skond il-liġi. Madanakollu esebixxa kopja tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva għall-finijiet tat-tieni akkuża.[1]

**L-ewwel akkuża – sewqan mingħajr liċenzja**

*Il-liġi*

8. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

   '15. (1) Kull min -

   (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan ... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena.'

9. Imbagħad l-Artikolu 15(3) jipprovdi illi:

   '(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem'

*Provi*

10. Mill-provi li nġiebu u mid-dikjarazzjoni tad-Difiża stess ġie ppruvat illi l-imputat ma' kellux liċenzja tas-sewqan fid-data in kwistjoni u għalhekk din l-akkuża ġiet ippruvata.

**It-tieni akkuża – użu tal-vettura mingħajr polza tal-assikurazzjoni**

*Il-liġi*

---

[1] Fol 22

11. L-Artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi kif gej:

'3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.'

12. Fil-fehma tal-Qorti l-elementi necessarji ghall-vjolazzjoni ta' dan l-artiklu huma s-segwenti:

1. <u>L-imputat:</u> Fil-kaz ta' "uzu" l-imputat jista' jkun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taht il-ligi. Fil-kaz ta' "gieghelt jew hallejt", l-imputat jrid ikun sid il-vettura, xi hadd li ghandu pussess taghha jew inkella xi hadd li lilu giet fdata l-vettura. Ghalkemm l-Artikolu 3(1) ma' jispecifika xejn f'dan ir-rigward, il-persuna li ggieghel jew thalli lil persuna ohra tuza vettura minghajr kopertura lil terzi trid tkun necessarjament jew sid il-vettura jew persuna li ghandha pussess taghha inkella persuna illi mill-provi jirrizulta illi lilha giet fdatha, mqar b'mod temporanju, l-vettura in kwistjoni.

   F'dan il-kaz, mill-affidavits diga msemmija ta' <u>PC 540 A. Fava</u> u <u>PS 654 E. Bondin</u>, irrizulta ampjament illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq mill-imputat Mercieca. Dan l-ewwel element huwa ghaldaqstant sodisfatt.

2. <u>Il-vettura bil-mutur:</u> Haga minn ewl id-dinja illi trid tintuza "*vettura bil-mutur*" sabiex dan ir-reat jissussisti.

   F'dan il-kaz, il-vettura bil-mutur li intuzat kienet il-vettura Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni IMS 200. Dan l-element huwa ghalhekk sodisfatt.

3. <u>Il-lok:</u> Il-vettura bil-mutur trid tintuza fit-toroq. Li jfisser dan illi l-vettura trid tkun qed tigi effettivament misjuqa fit-triq.

   F'dan il-kaz, dan l-element huwa ukoll sodisfatt galadarba jirrizulta mill-provi illi l-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq gewwa r-Rinella, Kalkara.

4. <u>L-uzu tal-vettura (mill-persuna li tuza jew li giet permessa jew mgieghla tuza) ma' jkunx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni</u>: F'dan

il-każ, dan l-element ma' ġiex sodisfatt peress illi mill-provi (fol 22) joħroġ illi tali polza ta' assigurazzjoni kienet filfatt ezistenti.

Dwar dan l-ahhar element, il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, giet promulgata permezz tal-Ordinanza XXXVI tal-1939 (permezz ta' proklama li giet sussegwentement revokata l-Ordinanza baqghet ma' dahlietx fis-sehh qabel l-1947) bhala, dak iz-zmien, il-Kap 165 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artiklu 3(1) in kwistjoni mill-bidu nett kien jaqra ezattament kif jaqra llum il-gurnata u m'huwiex il-kaz, kif gieli gie argumentat quddiem il-Qrati taghna, illi wara li Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja kellu jinbidel dan l-artiklu tal-ligi biex jigi ccarat illi hija l-vettura li ghandha tkun koperta u mhux necessarjament il-persuna li tuzaha.

Polza tal-assigurazzjoni ta' vettura hija tipikament (ghalkemm mhux esklussivament) mahruga jew "*Fully Comprehensive*" jew "*Third Party, Fire & Theft*" jew inkella "*Third Party Only*". It-tlett tipi ta' polza ghandhom lkoll xi haga in komuni: dik li t-terza persuna, tkun min tkun, hija koperta mill-assigurazzjoni u f'kaz illi dik it-terza persuna ssofri danni, kemm ghall-proprjeta' taghha u kemm ghall-persuna taghha, din tkun tista' taghmel *claim* u titlob kumpens ghar-risarciment tad-danni. Bil-ligi (ossia taht l-Art. 4 tal-Kap. 104), kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni. Fi kliem iehor, **m'huwiex possibbli illi kumpanija ta' assigurazzjoni tohrog polza ta' assigurazzjoni ta' vettura minghajr ma' tkopri t-terz**.

Naturalment min jaffordja u jiflah ihallas ftit izjed, jista' jkopri r-riskji tieghu ukoll u/jew ta' min ikun qieghed isuq. Hawn min jkopri r-riskji tieghu u/jew tas-sewwieq f'kaz illi jsofri danni li jirrizultaw minn nar jew serq ("*Third Party, Fire & Theft*") u hawn min jaghzel dik il-polza li tissejjah *"Fully Comprehensive"* u b'hekk ikopri hafna mid-danni li jista' jsofri hu jew is-sewwieq kemm fil-persuna tieghu u kemm fil-vettura tieghu.

Kwalunkwe polza ta' assigurazzjoni tas-sewqan tigi mahruga lill-*policyholder*, f'dan il-kaz lill-imputat Jean Claude Mercieca (ara fol 22 tal-process), u tispecifika ukoll dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jsuqu l-vettura. F'dan il-kaz il-polza in kwistjoni tispecifika illi awtorizzati jsuqu l-vettura huma: il-*policyholder* (Jean Claude Mercieca) u kwalunkwe persuna illi ghandha 25 sena jew izjed illi ssuq il-vettura fuq l-ordni jew bil-permess tal-*policyholder*. F'dan

il-kaz il-persuna li kien qed isuq il-vettura, Jean Claude Mercieca, li nzerta ukoll sid il-vettura, kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan. F'kaz bhal dan, li kieku sehh xi incident bil-vettura in kwistjoni waqt li l-imputat kien qieghed isuq, allura l-imputat kien ikollu problema biex jitlob lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tieghu sabiex thallsu tad-danni li jkun sofra (hu jew xi beneficcjarju iehor tal-polza) ghaliex din aktarx tkun intitolata tirrifjutaha abbażi ta' esklużjoni mill-polza stess. Fi kwalunkwe kaz pero din hija kwistjoni ta' natura civili u m'hijiex ta' rilevanza ghall-kamp kriminali. Li huwa rilevanti, anzi krucjali ghall-fini tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kwindi ghal din il-kawza, huwa illi ghall-uzu ta' dik il-vettura tkun tezisti polza ta' assigurazzjoni li tkun *in vigore*. Jekk tali polza tkun tezisti, allura t-terz **dejjem** ikun protett (hlief f'certu kazijiet specifici elenkati fil-ligi) ghaliex jigri x'jigri, tkun qed tinstaq minn min tkun qed tinstaq, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun obbligata taghmel tajjeb ghad-danni li t-terz jsofri b'kawza tal-uzu tal-vettura. Ghalhekk li kieku f'dan il-kaz sehh xi incident bil-vettura in kwistjoni waqt li l-imputat kien qieghed isuq u kkawza danni lil terz, il-kumpanija tal-assigurazzjoni xorta wahda kienet tkun obbligata tikkumpensa lil dan it-terzi ghad-danni subiti. Dan ir-risarciment mhux necessarjament li jsehh awtomatikament imma eventwalment isir. Filfatt it-terza persuna tista' anke tiftah kawza civili fil-Qorti jew fic-Centru Malti tal-Arbitragg, skond il-valur tal-kaz, kontra l-persuna assigurata bil-polza u f'kaz ta' sentenza favur it-terz, l-assiguratur huwa obbligat taht l-Art. 10(1) tal-Kap. 104 illi jhallas lill-istess terz **anke jekk l-assiguratur ikun intitolat jannulla jew ihassar il-polza.** Naturalment imbaghad l-istess assiguratur ikollu d-dritt li jitlob risarciment tad-danni minghand l-assigurat – materja li hija ukoll ta' natura civili.

Dan kollu jfisser illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' taghmilx differenza jekk min kien qieghed juza l-vettura u kkawza d-danni kellux licenzja tas-sewqan jew le, ghandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluz mill-kopertura tal-polza jew le. It-terz dejjem protett jekk fis-sehh ikun hemm polza ta' assigurazzjoni tal-vettura.

It-terz ma' jkunx protett biss jekk fid-data tal-incident **ma' jkunx hemm fis-sehh** polza ta' assigurazzjoni ghal dik il-vettura **u huwa dan il-kaz illi ried jipprevjeni milli jigri l-legislatur permezz tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta**. F'kazijiet bhala dawn, it-terz xorta jista' jkollu forma ta' protezzjoni billi japplika lill-Fond għal Protezzjoni u Kumpens taht l-Art. 9D(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta pero dan mhuwiex desiderabbli u hija sitwazzjoni bhal din illi l-legislatur ried jipprevjeni milli tigri permezz tal-Art.

3(1). Fil-kaz odjern pero l-polza tal-assigurazzjoni tkopri l-perjodu ta' bejn is-16 ta' Awwissu 2018 u t-30 ta' Gunju 2019 u ghaldaqstant tkopri anke dak kollu li seta' gara fl-4 ta' Jannar 2019.

Matul is-snin inqalghet certu ambigwita' fil-Qrati nostrani fis-sens illi bdiet tqum il-mistoqsija dwar il-presunzjoni taht l-Artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Din tipprovdi kif gej:

'3(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).'

L-ambigwita' qamet principalment dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova dwar l-assikurazzjoni. Fis-sentenza ricenti moghtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Nathaniel Grech</u>** (QTM:KRM:Magistrat Doreen Clarke – 11 ta' Marzu 2019), il-Qorti dahlet f'certu dettal dwar is-sentenzi kunfliggenti fuq dan il-punt u finalment pero stqarret li dan il-kunflitt gie rizolt permezz ta' sentenzi ricenti fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Andre Apap</u>** (QTA:KRM:400:2010, deciza 4 ta' Frar 2011) fejn inghad is-segwenti:-

*"Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi, Il-Pulizija vs Stefan Apap, u l-Pulizija vs Charles Galea u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu car u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni".*

L-ambigwita' li qamet fuq min jinkombi l-oneru tal-prova gabet maghha ukoll **<u>kontroversja bla bzonn</u>** (bla bzonn ghaliex hija totalment irrilevanti u m'ghandiex x'taqsam mal-kwistjoni tal-oneru tal-prova), fis-sens illi ghal xi raguni jew ohra beda jigi argumentat, xi drabi mid-difiza u xi kultant anke accettat mill-Qrati taghna, illi jekk l-imputat ikun eskluz mill-kopertura (per

ezempju ghaliex m'ghandux licenzja tas-sewqan jew ghaliex ghandu inqas minn 25 sena u ma' jkunx "*sewwieq awtorizzat*" specifikat fil-polza) allura huwa jkun hati tal-akkuza migjuba kontrih taht l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Bir-rispett, argument bhal dan huwa bla bazi legali u din il-Qorti assolutament ma' tistax taqbel mieghu. Filfatt f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel taghha l-kliem li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015):

*"... Id-dicitura tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija cara u ma thalli lok ghall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.* ***Is-semplici fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi ghal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu*** (sottolinear u emfasi mizjuda minn din il-Qorti). *Eventwali ksur tal-kondizzjonijiet tal-polza jista` jwassal ghal konsegwenzi ta' natura civili bejn l-assikuratur u l-assigurat, senjatament l-eventwali dritt ta' regress civili li l-assiguratur jista` jkollu fil-konfront tal-assikurat. Izda tali kwistjonijiet ta' natura civili huma res inter alios acta bejn l-assikuratur u l-assigurat u huma ghal kollox estranei ghal dak li jirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 104 billi dan ir-reat jissussisti biss meta ma tkunx fis-sehh polza ta' assigurazzjoni"*

Lanqas ma' taqbel din il-Qorti ma' posizzjoni li gieli ttiehdet fil-passat fis-sens illi sabiex ixejjen il-presunzjoni li wettaq reat taht l-Artikolu 3(1), l-imputat jehtieglu jipprezenta xi dikjarazzjoni mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tieghu illi l-polza tkopri ukoll terzi persuni. Din hija xi haga prezunta u *semmai* ghandha tkun il-prosekuzzjoni illi f'kaz illi l-imputat jipproduci bhala prova tieghu polza tal-assigurazzjoni li tkopri l-uzu tal-vettura, iggib prova illi minkejja l-ezistenza ta' dik il-polza, jezistu cirkustanzi (fosthom dawk kontemplati taht l-Art. 10(2) jew (3) tal-Kap. 104) li minhabba fihom **terzi persuni** jistghu ma' jkunux koperti.

Fil-kaz in kwistjoni kif diga inghad, mill-provi (a fol 22) johrog illi fir-rigward tal-uzu tal-vettura kien hemm ezistenti fil-gurnata tal-incident, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Ghalhekk din l-akkuza ma' tistax tirrizulta.

**It-tielet, raba' u ħames akkużi – sewqan tal-vettura bi traskuraġni, b'mod perikoluż u/jew mingħajr kont**

13. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jipprovdi hekk:

‘15. (1) Kull min -

(a) isuq vettura bil-mutur ... b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni, jew b’mod perikoluż,... ikun ħati ta’ reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta’ mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta’ mhux iżjed minn sena.’

14. Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdi illi:

‘(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f’sewqan ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b’mod perikoluż, il-qorti, b’żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f ’każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur, u f’każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta’ mhux anqas minn sena.

‘(3) Fil-każ ta’ kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b’żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem’

15. Imbagħad l-Artikolu 15(3) jipprovdi illi:

‘(3) Fil-każ ta’ kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b’żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem’

16. Dwar il-prova fuq dawn it-tlett akkużi, ċioe’ il-prova ta’ sewqan b’mod traskurat, perikoluż u bla kont, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**’ illi:

*“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi.”*

17. L-Artikolu 15(1)(a) jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "sewqan bi traskuraġni kbira" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "sewqan bla kont". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

18. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

*"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*

*Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-*

*recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

*Provi*

19. Mill-provi ħareġ illi:

    1. Għall-ħabta ta' 20.30hrs fil-post in kwistjoni l-imputat ġie nnutat mill-Pulizija "*il-ħin kollhu jipprova jaqla' l-vettura ta' quddiemu u jpaqpaq sabiex ikun jista' jgħaddi*". Hekk kif l-imputat irnexxilu jaqbeż din il-vettura huwa beda jsuq b'veloċita' eċċessiva.

    2. Għall-ħabta ta' 21.07 hrs l-imputat reġa ġie nnutat fil-post in kwistjoni għaddej b'veloċita eċċessiva u sopra corne bastonate hekk kif wasal lejn PS654 (li kien pajzan) qallu "Xiż-żobb qed tħares" u kompla isuq b'veloċita'.

20. Għall-Qorti għalkemm ma' jirriżultax is-sewqan perikolużstante illi ma' ġiex ippruvat illi l-imputat kien effettivament ta' periklu għal terzi li kienu fil-lok in kwistjoni, jirriżultalha b'mod ċar illi l-imputat kien qiegħed juża veloċita li kienet "*highly inappropriate*" u konsistenti ukoll f'"*aggressive driving*".

21. Għalhekk is-sewqan bla kont u sewqan b'traskuraġni jirriżultaw.

**Kunsiderazzjoni dwar il-piena applikabbli**

22. Il-piena applikabbli f'każ ta' sewqan bla konta hija dik tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. Imbagħad b'żieda mal-piena, il-leġislatur jagħmilha tassattiva fuq il-Qorti illi tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tlett xhur fil-każ tal-ewwel kundanna. Inoltre skond l-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta 'għal kull kontravvenzjoni, <u>għandhom</u> jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skont kif ikun il-każ, punti ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda, u dawn għandhom jiġu mniżżla f 'database komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità'. Skond is-Sitt Skeda, għan-nuqqas ta' tiġdid ta' liċenzja tat-triq il-punti penali huma bejn tlieta u sitta filwaqt li għal sewqan perikoluż, bla kont jew traskurat il-punti penali huma t'e bejn tlieta u ħdax-il punt.

23. Il-Qorti fil-piena li ser tagħti ser tieħu in konsiderazzjoni *inter alia* l-fatt illi l-imputat huwa *a first time offender* iżda ser tikkunsidra ukoll l-imġieba azzardata u

rrisponsabbli tal-imputat f'post illi l-Qorti tinnota **qiegħed jiġi użat frekwentament għal manuvri idjotiċi ta' sewqan eċċessiv u perikoluż**.

**Deċiżjoni**

24. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ssib l-imputat ħati tal-akkuża numru wieħed (sewqan bla liċenzja taħt Kap 65 Artiklu 15 (1)(a)), numru tlieta (sewqan b'mod traskurat taħt Kap 65 Artiklu 15 (1)(a)) u numru ħamsa (sewqan bla kont taħt Kap 65 Artiklu 15 (1)(a)) iżda tilliberaħ mit-tieni u r-raba' akkużi u:**
    1. **Tikkundannah iħallas multa kumplessiva ta' hames mitt euro (€500)**
    2. **Tiskwalifikah milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien erba' xhur u tordnalu sabiex immedjatament jgħaddi l-istess liċenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**
    3. **Timponi penali ta' sitt (6) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur